BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 08/08 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 29 ta' Ottubru 2008 fit-8.30am**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzat** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 07/08 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u S.Cuschieri issekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*03/10 -* Is-Southern Area Velocity Pigeon Club bagħtu ittra biex jintroduċu ruħhom bħala għaqda tal-ħamiem tal-ġiri li ġiet iffurmata dan l-aħħar f'Birżebbuġa. Bagħtu wkoll l-istatut għall-attenzjoni tal-Kunsill. Bħala għaqda ġentilment talbu kull għajnuna finanzjarja possibbli. Ġie deċiż li jintalab il-programm ta' l-attivitajiet tagħhom biex jiġi kkunsidrat mal-programmi ta' l-għaqdiet l-oħra.

*04/10 -* Tressqet talba mingħand id-Dar ta' San Ġużepp, Santa Venera fejn innotifikaw lill-Kunsill li din is-sena jixtiequ joffru lil tmintaxil tifel li jgħixu f'din id-dar opportunita' għal btala żgħira. Huma qegħdin jitolbu għajnuna finanzjarja biex ngħinuhom jagħmlu din il-ħolma realta'. Il-Kamra qablet li tingħata *half sponsorship* li jammonta għal €150.

*05/10 -* Bħas-snin ta' qabel il-Grupp Armar tal-Festa resqu talba għal għajnuna finanzjarja biex jarmaw ix-xatt b'tiżjin tal-Milied biex ikun hemm atmosfera sabiħa. Kulħadd qabel li tingħata s-somma ta' €550 bħas-sena l-oħra bil-kundizzjoni li jkunu huma responsabbli li d-dawl ikun jixgħel kuljum filgħaxija.

***AĠENDA -3***

Il-Kamra ddiskutiet fuq toroq f'Birżebbuġa li hemm bżonn li jsirilhom ir-*resurfacing*. Intlaħaq ftehim li t-toroq li hemm bżonn li jsirilhom ir-*resurfacing* is-sena li ġejja huma Triq Il-Musbieħ, Triq Il-Bżulija u parti minn Triq Sant'Anġlu. R.Zahra ssuġġerixxa li jsiru xi *traffic islands* f'dawk l-*areas* li huma perikolużi għat-traffiku. Intlaħaq ftehim li napplikaw għal *traffic islands* fi Triq San Ġwann, Triq Iż-Żurrieq ma' Triq Sant'Anġlu u fi Triq Sant'Anġlu ma' Triq Santa Rita. Ġie ssuġġerit ukoll li nagħmlu *double yellow line* fi Triq Iż-Żurrieq kantuniera ma' Triq San Tumas. J.Baldacchino talab li jsiru żewġ tabelli li jindikaw li t-triq tidjiq fi Triq Iż-Żurrieq.

***AĠENDA -4***

(A) Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-kwotazzjonijiet għall-Istampar tal-*Magazine* tal-Kunsill.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 1. | Print Right - | Quote A : €1182.00 | Quote B : €1237.00 | Seperation : Free |
| 2. | Peg Ltd. - | Quote A : €1988.91 | Quote B : €1988.91 | Seperation : Free |
| 3. | Veritas Press - | Quote A : €1266.30 | Quote B : €1312.50 | Seperation : Free |
| 4. | Union Print - | Quote A : €1758.75 | Quote B : €1766.10 | Seperation : Free |
| 5. | Duraprint - | Quote A : €1590.00 | Quote B : €1710.00 | Seperation : €42.00 |

Intgħażel il-*printer* Nru. 3 Veritas Press - Quote B għalkemm il-kwotazzjoni tal-Print Right kienet l-aktar waħda vantaġġuża. Dan peress li fl-aħħar *magazine* ippubblikat u li kien sar mill-Print Right, il-Kunsill ma kienx sodisfatt bil-*printing* tal-faċċata.

(B) Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-kwotazzjonijiet għal sistema ġdida ta' telefons.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Retina Telecommunications Co. Ltd. - | €855.17 |
| 2. | Comsec - | €1580.26 |
| 3. | Aeco Telecom Systems - | €1327.50 |
| 4. | Tenovar Ltd. - | €1976.46 |
| 5. | Strand Electronics - | €1500.96 |

Wara diskussjoni fuq dan is-suġġett ittieħdet id-deċiżjoni biex issir l-installazzjoni mitluba mingħand Aeco Telecom Systems.

***AĠENDA -5***

Fuq talba li saret mill-Kunsillieri, fis-seduta preċedenti, ġiet ippreżentata l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-pagi tal-ħaddiema klerikali biex dawn ikunu jistgħu jingħataw iż-żieda li tixirqilhom. Wara diskussjoni l-Kamra qablet unanimament li ż-żewġ ħaddiema klerikali tal-Kunsill S. Aloisio u S.Fenech tingħatalhom iż-żieda u jiġu Skala 11 u Skala 13 rispettivament mill-1 ta' Novembru 2008.

***AĠENDA -6***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xhur ta' Awissu u Settembru '08. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġew approvati biex is-somom ta' €54,990.96 u €79,683.39 jitħallsu skond skedi nru. 08/08 u 09/08 rispettivament.

***AĠENDA -7***

1. Il-Kamra ġiet innotifikata li minħabba li d-dokument tal-kundizzjonijiet il-ġodda għal ġbir ta' skart għadhom ma tlestewx, fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-kuntratt li għalaq f'Lulju '08 għandu jibqa' jiġġedded xahar, b'xahar sakemm dan id-dokument jitlesta. Għaldaqstant is-Sindku, J.Farrugia ippropona u l-V/Sindku, J.Baldacchino ssekonda mozzjoni biex mill-1 ta' Novembru 2008 tingħata żieda oħra ta' €400 fix-xahar ma' dik li ngħatat fil-laqgħa informali li saret nhar il-Ħamis, 24 ta' Lulju 2008 lill-kuntrattur RVS Ltd. Kulħadd qabel.

Ukoll R.Zahra rrimarka biex tinġibed l-attenzjoni tal-Kuntrattur biex ma jibdiex jiġbor l-iskart qabel is-7.00am u nhar ta' Ħamis fil-ġurnata tal-Monti jgħaddi minn Triq Żarenu Dalli mhux aktar kmieni minn nofsinhar. Minħabba l-ħmieġ li qed iħallu warajhom il-bejjiegħa tal-monti, ġie ssuġġerit li jintbagħtilhom avviż biex niġbdulhom l-attenzjoni ħalli kemm jista' jkun iħallu nadif u biex jiġu avżati wkoll li ser jibda jkun hemm il-gwardjani lokali biex jaraw li ser tinżamm l-indafa.

2. R.Zahra talab li jsiru *dustbins* ma' l-i*stages* kollha tal-linja minħabba li qed ikun hemm ħafna karti ma' l-art. Kulħadd qabel.

3. R.Zahra nnotifika l-Kamra li fi żmien il-gwerra mietu sitt persuni fl-*area* fejn illum hemm il-latrini pubbliċi ġewwa Wied Il-Buni. Issuġġerixxa li ssir lapida biex tfakkar dawn il-vittmi tal-gwerra. Kulħadd qabel.

4. J.Baldacchino talab biex niktbu ittra lil GO plc. dwar it-*telephone booths* li hemm fuq iz-zuntier tal-Knisja biex dawn jitneħħew u jiġu nkorporati mal-*booth* ta' l-APS kif kien il-ftehim.

5. J.Farrugia ssuġġerixxa li peress li wasal iż-żmien li jerġgħu joħorġu t-*tenders* tal-ġonna ta' Birżebbuġa, noħorġu *tender* wieħed għall-ġonna kollha f'daqqa li tkun tinkludi wkoll is-*soft areas* u r-*roundabouts*. Wara diskussjoni ġie ssuġġerit li flok noħorġu t-*tender* nippruvaw napplikaw l-ETC biex nimpjegaw ġennien *full-time* mal-Kunsill. Ukoll ġie kkonfermat biex jitlestew l-ispeċifikazzjonijiet ta' tlett *tenders* dak ta' Servizz ta' *Handyman*, Tindif ta' Postijiet Pubbliċi u Kiri ta' *Tipper Truck* ħalli jiġu ppubblikati fil-gazzetti għall-pubbliku.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 19 ta' Novembru 2008 fit-8.30am. .

| | |
|---|---|
| ......................................... | ............................................... |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |